# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330

TEL: 21665500

email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 16-15

**Data:** 24 ta' Marzu 2015

**Hin:** 5:30pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Sur Vincent Bongailas – Kunsillier
Michela Zammit- Ambaxxatrici

# MINUTI

**TALBA**

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

1. **QARI TAL-MINUTI**

Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret fi Frar 2015.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Viċi Sindku is-Sur Christopher Bruno.

3. Ħwejjeg li jirriżultaw mill-Minuti ( Seduta 15.15);

3.1 Punt 4.3 mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku spjegat l-informazzjoni li kisbet minngħand il–persuna ikkonċernata rigward is-sistema ta' logħob online bl-isem ta' "Indoor Airshow" biex b'hekk ikun jista jinħareġ leaflet ta' informazzjoni għar residenti u jinbeda il-kors fix-xhur li ġejjin għal minn hu interessat u skond il-konkorrenza.

3.2 Punt 5.1 mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar laqgħa ta' informazzjoni li kellha mal- amministraturi tal-'Gal Xlokk' aktar kmieni dan ix-xahar.

Dawn l-istess nies ser ikunu qegħdin jagħmlu laqgħa mal-Kunsill kollu b'aktar informazzjoni qabel il-Kunsill jaqbel biex jidħol sħab ma' din l-organizazzjoni.

3.3 Punt 6.1ċ mill-Minuti preċedenti; is-Sindku ippreżentat it-tweġiba tat- Transport Malta li intbgħat lill-Kunsill formalment dwar il-punt li qajjem Is-Sur Chris Bruno fil-Minuti preċedenti.

Is-Sur Chris Bruno saħaq li din it–tweġiba hija waħda sodisfaċenti u b'hekk is-sinjal għandu jibqa fejn qiegħed attwalment.

3.4 Punt 6.1e mill-Minuti preċedenti; is-Sindku spjegat illi l-'bollards' illi ġew imwaħħla fil-kantunieri fis snin preċedenti kienu twaħħlu minħabba il-fatt illi f'salib it-toroq kienu seħħu inċidenti li għamlu ħsara fil-faċċati tan -nies u li fortunatament ħadd ma kien għaddej fil-ħin ta' l-inċident mill- kantuniera fejn seħħu.

Is-Sur Chris Bruno kif ukoll il-Kunsill kollu kien sodisfatt b'din it-tweġiba u qablu unanimament illi għandhom jibqgħu fejn huma attawalment, pero' jiġu irranġati dawk li huma mgħawġin.

## 4. Korrispondenza:

4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill b'email li rċeviet minn għand il-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali biex jitwaħħlu tabelli fil-Kalkara bħal 'Heritage Trail' sa ċ-Ċentru 'Leap' li qiegħed il-Birgu.

Il-Kunsill qabel li għandhom jitwaħħlu dawn it-tabelli u kulħadd ser ikun qed jgħati is-suġġerimenti tiegħu fejn jistgħu jiġu imwaħħla.

4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email li 'rċeviet minn għand persuna titlob permess biex jitpoġġa karavan fil-Bajja tar-Rinella għaż-żmien tas-sajf.

Il-Kunsill iddiżapprova din ir-rikjesta u li għal l-ebda raġuni m'għandhom jinħarġu permessi għal karavans bħas snin preċedenti.

4.3 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar suġġeriment li għaddiet residenta aktar kmieni dan ix-xahar rigward l-ammont ta' qniefed li qegħdin jinqatlu mill karozzi speċjalment in-naha ta' Triq Santu Rokku, biex jitwaħħlu sinjali apposta biex is-sewwieqa ikunu infurmati li f'dawk l-inħawi hemm ammont ta' qniefed.

Il-Kunsill qabel unanimament li dawn it-tabelli għandhom jiġu imwaħħla fiż-żmien li ġej.

4.4 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar rikjesta minn kumpanija privata bl-isem 'Stage Malta' biex il-Kunsill jilqa xi studenti fl-Uffiċini tal-Kunsill biex jgħinu f'affarijiet bażiċi li jkollna bżonn.

Il-Kunsill qabel illi jekk ikun hemm xi ħadd interessat għandha tkun is-Seg Eżek. li tara li min ġej ikun bniedem adattat għat tip ta' xogħol li joffri il-Kunsill.

4.5 Is-Sindku infurmat il-Kunsill b'email li irċeviet formalment minn naħa tar- Reġjun b'konferma ta' kuntrattur ġdid rigward 'Street Lightning'. Inħatar in- 'Nexos Lightning' biex b'hekk aħna nissieħbu mar reġjun u kull ma jkollna bżonn rigward dan is-suġġett inċemplu lill din il-kumpanija li diġa bdiet topera.

4.6 Is-Sindku ippreżentat email minn għand resident li joqgħod fi Triq il- Frejgatina k/m Triq il-Luzzu biex jiġu installati 'bollards' fil-kantuniera minħabba il fatt illi qed jidħlu trakkijiet kbar biex idawru f'din it-Triq u kull darba jagħmlu ħsara fil-ħajt kif ukoll ġara li faqaw fanal ta' karozza li kienet ipparkjata fil-parkeġġ viċin din il-kantuniera.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandhom jitwaħħlu żewġ 'bollards' fil kantuniera biex bhekk ma jsirx aktar hsara lill dan il-hajt kif ukoll lill ebda karozza ipparkjata fdin larea.

4.7 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li kellha mal-'Wasteserv' fejn dawn offrewlna li nagħmlu użu milll-awditorjum għal xi diskussjonijiet li jorganizza il-Kunsill stess mingħajr ebda ħlas bil patt u bil-kundizzjoni illi tingħata diskussjoni minn naħa tagħhom il kull grupp li nieħdu f'dan is-sit.

4.8 Is-Sindku ressqet suġġeriment mingħand xi residenti li joqgħodu fi Triq il-Ħbit mill-Ajru fejn dawn qed jitolbu li jsiru l-parkeġġi minħabba li n-nies qed jipparkjaw kif iridu u qed ikunu ta' inkonvenjent għal xulxin.

Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat forma ta' kwestjonarju lir-residenti ta' din it-Triq qabel ma tintbgħat it-talba formalment tal-Kunsill lill Transport Malta għal dawn il parkeġġi ġodda.

4.9 Is-Sindku talbet il-Kunsill biex jaqbel dwar il-fatt illi il-ġurnali li jinxtraw ta' kuljum mill-Kunsill qegħdin ikunu ta' piz finanzjarju kif ukoll ta' ħela għal Kunsill minħabba il-fatt illi l-ebda resident ma jiġi jitlobna xi ġurnal, kif ukoll ħafna mill-ġurnali lokali tista tarhom 'online'.

Il-Kunsill qabel unanimament illi il-ġurnali m'għandhomx jibqgħu jinxtraw l-iktar minħabba l-istat finanzjarju tal-istess Kunsill biex fejn nistgħu niffrankaw mill- affarijiet żgħar bħal din il-kwistjoni.

4.10 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar il-persuna illi iġġibilna l-ilma kemm fiż- żmien il-festa biex jinħaslu it-toroq kif ukoll timlilna il-bjar madwar il-Kalkara, minħabba il-fatt illi din il-persuna qatt ma bgħatet kontijiet lill-Kunsill f'dawn is-snin kollha.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandna inkellmu lil din il-perusna biex b'hekk jintlaħaq ftehim magħha rigward kumpens mistħoqq u il-Kunsill ma jkollu l-ebda obligazzjonijiet.

4.11 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq is-Salvatur minħabba il fatt illi it-telgħa ta' l-istess Triq ġiet b'żewġ karreġġati temporanjament bl-apporavazzjoni ta' Transport Malta. Din il-persuna saħqet illi din it-Triq ġiet perikoluża minħabba il fatt li kullħadd qed jipparkja kif irid.

Il-Kunsill qabel illi it-telgħa għandha tibqgħa b'żewġ karreġġati kif ġiet approvata, pero' ninfurmaw il-Pulizija illi min qed ikun ta' inkonvenjent għan nies oħra għandhom jittieħdu passi kontriħ permezz ta' multa.

4.12 Is-Sindku infurmat lill Kunsill dwar ċans li l-Kunsill jissieħeb mal-ANSEK biex b'hekk jibbenifika minn dawn li ġejjin :

- Sussidju fuq korsijiet li torganizza l- ANSEK minn żmien għal żmien għall-istaff u l-Kunsillieri kollha (ikunu organizzati mhux inqas minn żewġ korsijiet kull sena).

  ·Attendenza mill-istaff u l-Kunsillieri għal-laqgħat informattivi organizzati minn ANSEK.

  ·Sussidju fuq ħlasijiet applikabbli għal reġistrazzjonijiet f'konferenzi li ANSEK tista' tkun involuta fihom kemm f'Malta kif ukoll barra.

  ·Pariri u konsulenza dwar materji li jikkonċernaw ix-xogħol tal-Kunsilli Lokali lill-istaff kollu tal-Kunsill.

- ·Konferenza Annwali.

- ·Attivitajiet Soċjali.

  ·Aċċess għal partijiet ristretti tal-website tal-ANSEK.

- ·e-newsletter regolari b'informazzjoni ta' interess għall-Kunsillieri, Segretarji Eżekuttivi u l-istaff tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nissiehbu mal-ANSEK u nħallsu il-miżata tal-applikazzjoni.

## 5.Komunikazjoni tas-Sindku

5.1 Is-Sindku spjegat lill Kunsill kollu dwar il-liġi il-ġdida li nħarget aktar kmieni din is-sena dwar ir-rwol tal-Kunsill meta jinqala xi inċident bħal tifqih tat-'tyres' fit-toroq Maltin. Hija saħqet illi hemm bżonn tinġieb kwotazzjoni ta' assigurazzjoni għal-Kunsill fuq it-toroq fuq suġġeriment tal-istess liġi maħruġa mill-Gvern Ċentrali.

5.2 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar attivita' li ser tkun qed issir ġewwa l-Kalkara (ix-Xatt fil-bandli) organizatta mill-Aġenzija Appoġġ bil-kollaborazzjoni tal-istess Kunsill. Din l-Attivita' ser tkun qed issir għal 24 ta' Mejju 2015 b'attivitajiet li jolqtu kull eta'.

5.3 Is-Sindku infurmat lill Kunsill dwar servizz ta' Psikologu (bil-ħlas) fl-Aġenzija Appoġġ fil-Birgu għal benefiċċju tar-residenti kif ukoll tan-nies tal-inħawi.

5.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill kollu dwar żjara li ser tkun qed tagħmel bħas snin preċedenti lil anzjani rikoverati fi djar privati u sptarijiet fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier. Hija ser tkun qed ittijhom rigal żgħir f'isem il-Kunsill kollu għal din l-okkażjoni.

## 6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 *Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti*

a. Is-Sur Chris Bruno talab lis-Seg.Eżek. tieħu ħsieb is-sinjali li hemm ix-Xatt tal-Kalkara fejn turi li hemm bandi fil-viċinanzi minħabba il-fatt li kienet antika u ma għadiex tidher.

b. Is-Sur Chris Bruno staqsa lis-Seg.Eżek. jekk irċevejniex lura mingħand Transport Malta fuq l-istage ta' ħdejn 'iċ-ċumnijja' wara li kienet intbgħatet email formali fuq dan il-każ aktar kmieni fl 2015.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi s'issa ma kienu irċevew l-ebda tip ta' risposta minn TM u li ser tkun qed terġa tibgħat reminder lil dan id-Dipartiment.

c. Is-Sur Chris Bruno staqsa formalment lis-Sindku jekk tħassarx xi kors tal-kompjuter milli ġie organizzat miill-istess Kunsill minħabba li kien hemm il-kompjuters bil-ħsara.

Il-Kunsillier Pawlu Bongailas wieġeb lis-Sur Chris Bruno f'isem is-Sindku minħabba li dawn il-korsijiet jaqaw taħt id-dekasteru tiegħu. Is-Sur Bongailas ikkonferma illi l-korsijiet bdew u ma kien hemm l-ebda ħsara fil-kompjuters.

d. Is-Sur Chris Bruno isuġerixxa illi r-residenti għandhom ikunu jafu x'jkun għamel il-Kunsill matul ix-xhur, biex b'hekk ikunu aktar aġġornati fuq ix-xogħol li jkunu qiegħed isir speċjalment dak li ma jidhirx.

Il-Kunsill qabel unanimament illi fil-fuljeti għandha tinkiteb informazzjoni ta' dak li jkun sar fix-xhur ta' qabel. Qabel ma jinħareġ il-fuljett biex ir-residenti ikollhom viżjoni ċara tax-xogħol impenjattiv li jkun sar.

e. Is-Sur Chris Bruno għadda lment fuq il-grada tal-bandli fix-Xatt minħabba li kienet qed tissabbat u ġiet perikoluża għat-tfal.

Is-Seg.Eżek. ikkonfermat illi l-grada tranġat aktar kmieni dik il-ġimgħa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

f. Is-Sur Chris Bruno isuġerixxa li għandha tintbgħat email formali lill-MCST dwar Triq Marina u l-istat tagħha (ħofor). L-email għandha tkun qed tirrikjedi formalment illi dan il-'patching' għandu jsir minn naħa tagħhom parti mill-proġett Esplora.

6.2 ***Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana***

a. Is-Sinjura Maria irringrazzjat formalment lis-Seg.Eżek. tax–xogħol li sar fil-bandli minkejja ħafna intoppi li inqalgħaw sakemm sar ix-xogħol.

b. Is-Sinjura Marija Sultana issuġeriet illi meta jintbgħatu notifiki lir-residenti f'kull dar, l-istess notifika għandha tintbgħat ukoll bl-ingliż għal konvenjenza ta' nies barranin li joqgħodu fil-Kalkara.

c. Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek. biex tieħu ħsieb illi jiġi xi ħadd tekniku / professjonali biex jurina kif jaħdem id-'defibrillator' li inxtara aktar kmieni din is-sena biex jintuza fil-berġa.

d. Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek. terġa tibgħat 'reminder' lill-Gvern Ċentrali rigward il-bankini li rridu jiġu irrranġati fil-Kalkara.

e. Is-Sinjura Maria Sultana talbet formalment lis-Seg.Eżek. titkellem mal-kuntrattur tal-Kunsill inkarigat mit-toroq biex tingiref parti mill-bankina, minn Triq il-Missjoni Taljana minħabba il-fatt li maż-żmien ġiet tiżloq ħafna u qed tkun ta' periklu għar-residenti

f. Is-Sinjura Sultana irringrazzjat formalment lill-ħaddiema tal-Kunsill tax-xogħol li sar ġewwa Ġnien 'Nicole Zahra' fil-Kalkara, kif ukoll talbet li tintbgħat email lill-Gvern Ċentrali fuq il-biċċa tal-ħamrija li fadal biex b'hekk dan il-ġnien jerġa jibda jintuża minn kulħadd.

g. Is-Sinjura Sultana issuġeriet li jitpoġġa arloġġ ix-Xatt meta jasal iż-żmien li nirranġaw il-Promenade kif diġa ġie imsemmiji fis-snin li għaddew, minħabba il-fatt illi dan l-arloġġ jista jkun ta' għajnuna għan nies li jkunu qegħdin jistennew it-Trasport Pubbliku.

Il-Kunsill kollu qabel dwar din il-proposta.

h. Is-Sinjura Sultana qalet li għandha tintbgħat 'reminder' lill Transport Malta rigward it-talba tal-Kunsill fuq żieda ta' parkeġġ għal-mutur fi Triq is-Salvatur u jiġu tranġati il-parkeġġi eżistenti li hemm.

i. Is-Sinjura Sultana talbet li tintbgħat email lill Transport Malta dwar ir-Rotta tal-Karozza tal-linja li tgħaddi għal Smart City minħabba illi qed ikun hemm tfixkil minn nies mhux residenti ġewwa il-Kalkara kif ukoll turisti minħabba il-fatt illi li skren li jkun hemm fil-karozza tal-linja jindika Smart City Xgħajra u mhux Kalkara kif inhu suppost.

j. Is-sinjura Sultana issuġeriet illi it-tabelli li hawn imwaħħlin jindikaw id direzzjoni biex wieħed jasal il-Kunsill għandhom jiġu mibduwla għaliex hemm ħafna minnhom li lanqas għadhom jidhru għax antiki u ġew deterjorati bl-elementi.

k. Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek tibgħat email li l-Kunsill irċieva minn naħa ta' Transport Malta bil-lista approvata tal-parkeġġ riservat fit-toroq tal-Kalkara biex b'hekk kulħadd ikun infurmat.

Ġie ssuġerit illi l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom fiż-żmien li ġej iduru it-toroq kollha tal-Kalkara u jimmarkaw il-parkeġġi riservati li fil-verita' huma miżbugħin biex b'hekk inkunu nistgħu inqabblu mal-lista li intbgħatet minn Transport Malta stess.

## 6.3 ***Kunsillier-Is-Sur Pawlu Bongailas***

*a.* Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn issir xi ħaġa fi Triq is-Sibi fil-parti dejqa minħabba il-fatt li tela' ħaxix aħdar qasir li jiżloq immens.

Talab lis-Seg.Eżek. biex tkellem il-kuntrattur inkarigat mit-toroq biex insibu soluzzjoni u 'neħħu l-periklu.

*b.* Is-Sur Pawlu Bongailas talab illi jiġi irraportat id-dawl mitfi fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern, minħabba l-fatt li qed ikun hemm ħafna dlam.

*c.* Is-Sur Bongailas staqsa dwar jekk il-Kunsill kienx infurmat jew jekk wasletx xi tip ta' risposta dwar id-devoluzzjoni tal-garaxx li hemm vojta ħdejn l-uffiċini tal-Kunsill.

*d.* Is-Sur Bongailas reġa talab lis-Seg. Eżek. dwar il-laqgħa li kellha ssir rigward il-'European Walled Towns', biex b'hekk jiġu nies ikkonċernati jgħatu preżentazzjoni dwar dan il-grupp.

*e.* Is-sur Bongailas talab formalment lis-Sinjura Maria Sultana ir-ritratti li ġew meħuda fl-iskola waqt l-attivita' li kien hemm aktar kmieni dan ix-xahar li għalija kienet preżenti l-Ambaxxatriċi Amerikana biex b'hekk ikunu jistgħu ukoll jitellaw fuq il-paġna uffiċjali ta' 'Facebook', li għandu l-Kunsill.

Is-Sur Bongailas informa lill-Kunsill illi r-ritratti tal-'Open Day' ta' l-MCST li saret aktar kmieni dan ix-xahar ġew imtella' fuq paġna uffiċjali tal-Kunsill, wara din l-attivita' tant interessanti.

*f.* Is-Sur Bongaila staqsa jekk sarx xi arranġament għal l-attivita' li ġiet imsemmija fil-Minuti preċedenti dwar il-Berġa fil-Kalkara biex b'hekk infittxu norganizzaw din l-attivita' fix-xhur li ġejjin.

*g.* Is-Sur Bongailas talab lill-Kunsill kollu biex meta jmut xi resident mill-Kalkara tintbgħat kartolina formali mill-Kunsill kollu bħala rispett lejn il-familjari. Huwa ukoll wera kartolina simbolika li l-Kunsill qabel unanimament li hija idea tajba u li għandna nibdew il-proċess biex jiġu stampati dawn il-kartolini.

Ġie issuġerit illi għandha tintbgħat email lill-Kappillan biex kull informazzjoni li jkollu rigward dan il-Kunsill għandu jiġi mgħarraf minnufih.

*h.* Is-Sur Bongailas wera diskussjoni taħraq ipprintjata minn fuq il-'Facebook' personali tiegħu, rigward in-nuqqas ta' 'Wifi' fi Pjazza Sagra Familja.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha tintbgħat email formali lid-Dipartiment tal-Kunsilli biex ikollna gwida ċara ta' kif jistgħa il-Kunsill japplika għal żieda ta' 'Wifi' f'din il-Pjazza wara ħafna ilmenti / suġġerimenti li 'rċieva l-istess Kunsill matul is-snin.

***6.4 Kunsillier-Is-Sur Vincent Bongailas***

Is-Sur Bongailas fakkar lill-Kunsill rigward il-pots il-ħodor li ġew miftema mill-Kunsill fil-Minuti preċedenti li ser jitneħħew kif tieqaf ix-xita mit-Toroq tal-Kalkara.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 28 ta' April 2015 fil-5:00pm.

**Speranza Chircop**
**Sindku**

**Elaine Caruana**
**Seg.Eżek.**